TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 225/13/GB

**Raylene Cachia**

**vs**

**Raymond Cauchi ezercenti l-kummerc bhala Cauchi Stationery**

Illum 22 ta' Jannar 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-27 ta' Settembru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' hamsa u tmenin Ewro (€85.00), rapprezentanti l-prezz li hallset lis-socjeta' ntimata ghal camera, liema camera kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat camera li kienet tiswa hamsa u tmenin Ewro (€85.00) minghand is-socjeta' ntimata, pero' meta marret biex tużaha, il-lenti bdiet diehla u hierga. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti lmentat mas-socjeta' ntimata, fejn ġiet informata illi biex tissewwa kellha thallas l-ammont ta' hamsa u tmenin Ewro (€85.00). Is-socjeta' ntimata qalet illi l-lenti kien ġralha hekk ghaliex ir-rikorrenti kienet waqat il-camera, pero' hija baqghet tinsisti illi ma kienx il-kaz. Is-socjeta' ntimata kienet baghtet il-camera ghand it-tekniku, minn fejn irriżulta illi d-difett fil-lenti kien gie kkawżat da parte tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti talbet il-flus lura, pero' s-socjeta' ntimata ma aċċettatx.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti kienet xtrat camera tad-ditta 'Fuji', li l-agenti taghha Malta huma 'Cianco Ltd'. Wara hmistax, ir-rikorrenti kienet ġabet il-camera lura, tilmenta li l-camera ghandha xi hsara fil-lenti. Bhal ma taghmel is-soltu, is-socjeta' ntimata baghtet il-camera ghand l-agent u peress li din ghandha sentejn garanzija, ir-rikorrenti talbet li titranġa jew tinbidel ma' ohra ġdida.

It-tekniku baghat il-camera lura b'rapport mehmuż maghha, li l-camera ġratilha l-hsara ghaliex waqat minn ċertu gholi. Ir-rapport indika wkoll makjatura fuq il-lenti. Illi ghalhekk, huwa ċċertifika li din it-tip ta' hsara ma taqax taht il-garanzija.

Ir-rikorrenti ma aċċettatx dan ir-rapport ghaliex baqghet issostni li ma waqqathiex. Is-socjeta' ntimata regghat baghtet il-camera ghand l-agent, fejn huwa baqa' jsostni dak li kien qal fir-rapport.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tal-garanzija flimkien mar-ricevuta, li gew immarkati bhala Dok.RC1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja tar-rapport tekniku ta' l-agent, li giet immarkata bhala Dok.RCS1.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u b'referenza speċifika ghar-rapport tekniku, eżebit u mmarkat bhala Dok.RCS1, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kąwza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**